MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 266/2010

**F Advertising Ltd (C 27689)**

**Vs**

**Denise Micallef**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tal-intimata Denise Micallef fejn esponiet is-segwenti:-

"*Illi l-esponenti giet infurmata mill-banek lokali fejn ghandha ddepozitati flus li nhareg fil-konfront taghha mis-socjeta F. Advertising Ltd il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi;*

*Illi l-ammont ta' flus li qed tippretendi s-socjeta' sekwestranti minghand l-esponenti huwa ta' hlas ta' commission talli rreklamat il-proprjeta li hi u sehibha kellhom ghall-biegh fin-Naxxar, Malta.*

*Illi l-esponenti qatt ma rrifjutat li thallas lil din il-kumpanija s-sehem taghha minn din il-commission, izda qabel ma taghmel il-hlas talbet li tigi murija l-ircevuta mill-kumpanija li turi s-sieheb taghha kien hallas sehmu mill-commission billi l-ftehim kien li din il-commission tithallas bin-nofs bejniethom.*

*Illi kien is-sieheb li kellha l-esponenti, certu Sam Gauci li kien inkariga lil din il-kumpanija biex tirreklamalhom il-bejgh tad-dar taghhom, u wara li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet intemmet, huma kienu qablu li f'kaz li jigu mitluba mill-kumpanija sabiex ihallsuha l-commission din kellhom ihallsuha f'ammont indaqs bejniethom billi l-kuntratt mal-kumpanija kienu iffirmawh it-tnejn flimkien u l-prorjeta' kienet komuni bejniethom.*

*Illi l-kumpanija irrifjutat li turi kopja tar-ricevuta tal-pagament li kien sar mis-sieheb li kellha l-esponenti bi skuza li din l-ircevuta kienet koperta bl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data meta l-ircevuta ma kienet tizvela ebda informazzjoni li huwa kopert taht il-Kap 440.*

*Illi minkejja li l-kumpanija giet infurmata li dan ma kienx il-kaz billi l-produzzjoni ta' ricevuta ta' hlas li allegtament kien sar mill-persuna li flimkien mal-esponenti kienu iffirmaw il-kuntratt tal-kumpanija, ma kien qed isir xejn kontra l-ligi, izda sempliciment li tkun taf li kienet qed tigi mitluba li thallas ammont ugwali ghal dak li kien intalab u hallas sehibha, il-kumpanija ipprocediet bil-hrug ta' dan il-mandat u bil-kawza.*

*Illi dak li ghamlet il-kumpanija huwa agir abbusiv u rragonevoli ghall-ahhar, u l-kumpanija ma kellha ebda jedd li taghmel il-mandat meta kienet taf li l-esponenti hija solvibbli, u li kienet lesta li thallas, b'dan pero' li tinghata rendikont xeraq ta' kif inqasam il-hlas mitlub bejnha u sieheb taghha, li mieghu ma baqghalha ebda kuntatt u ma kien hemm ebda assolutament lok li l-kumpanija taghmel dawn l-ispejjez li saru inutilment, anzi saru*

*kapriccjosament biex kompliet izzid dawn l-ispejjez kollha."*

Ghaldaqstant l-esponenti talbet li dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2438/10 jigi revokat billi tordna l-hrug tal-kontro mandat, bl-ispejjez kontra l-kumpanija sekwestranti li ghandha tigi kkundannata wkoll taghmel tajjeb ghall-ispejjez li saru biex gew depositati l-flus kollha taht l-awtorita' tal-Qorti mill-banek kollha fejn l-esponenti kellha depozitati l-flus.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Awwissu 2010 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-rikors lil kontro parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta F Advertising Ltd fejn esponiet is-segwenti:-

"*Illi kuntrarjament ghal dak affermat minn Denise Micallef ghandu jirrizulta legalment gustifikat li l-mandat in kwistjoni jibqa' fis-sehh in vista tal-fatt li l-kreditu pretiz mis-socjeta' rikorrenti ghadu ma giex saldat nonostante li d-debitrici stess qieghda tammetti li dan hu dovut .*

*Bl-ispejjez*."

Rat id-digriet taghha fejn appuntat dan l-istess rikors ghas-smiegh.

Rat in-nota ta' Denise Micallef esebita fl-atti, bil-visto tal-kontro parti, li permezz taghha esebiet kopja tac-cedola ta' depozitu numru 1430/2010 fl-istess ismijiet premessi (Dok. A) li permezz taghha l-Bank of Valletta p.l.c. ddeposita taht l-awtorita' tal-Qorti s-somma ta' tlett elef mitejn tnejn u sittin Euro w hamsin centezmu (€3,262.05) li hija somma sufficjenti biex taghmel tajjeb ghas-sorte, imghax u spejjez pretizi mis-socjeta' sekwestranti.

Rat il-verbal datat 3 ta' Settembru 2010 fejn Dr. Scerri ghar-rikorrenti ddikjara is-segwenti :-

"*li in segwitu ghal mandat ta' sekwestru 2438/10 prezentat minn F Advertising Limited vs Denise Micallef, il-Bank of Valleta plc iddeposita s-somma ta' € 3262.50 biex taghmel tajjeb ghas-somma pretiza mis-socjeta' sekwestranti u dan b'cedola ta' depositu li qed tigi esebita Dok A 1430/10, u jitlob lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-effetti tal-mandat ghal kumplament tad-depositi li r-rikorrenti ghandha fil-banek lokali.*"

Rat li Dr. Manduca ghas-socjeta' ntimata ma kellux oggezzjoni ghal tali talba.

Rat id-digriet taghha tal-istess jum, cioe' tat-3 ta' Settembru 2010, fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti w ordnat lid-Direttur tal-Qorti Civili ma jirrilaxxjax il-flejjes maqbuda bic-cedola imsemmija fil-verbal, qabel ma jkun hemm decizjoni finali fil-kawza civili pendenti fl-ismijiet "F. Advertising Ltd. –vs- Denise Micallef" Avviz numru 32/10. In oltre ordnat li l-effetti tal-mandat ta' sekwestru 2438/10 jigu sospizi, b'dan li l-ammont imsemmi fil-mandat in kwsitjoni, ta' tlett elef u sebgha w disghin Ewro (€3097) jibqa' kawtelat bic-cedola depositata, u oltre dan il-Bank ghandu jzomm hames mitt Ewro (€500) biex jaghmlu tajjeb ghal spejjez li talvolta jista' jkun hemm fil-kawza pendenti.

Rat in-nota tal-partijiet prezentata fl-atti, fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2010, li permezz taghha ddikjaraw li ttransigew il-pendenza ta' bejniethom u qablu li dan ir-rikors ghandu jigi degretat billi jigi ordnat il-hrug ta' kontro mandate, stante li m'hemmx aktar lok li l-mandat ta' sekwestru numru 2438/10 jibqa' fis-sehh.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010 deher Dr. Raphael Fenech Adami ghas-socjeta' ntimata u ddikjara ulterjorment li l-partijiet qablu wkoll li dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa.

Ghaldaqstant din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors, u tordna l-hrug ta' kontro mandat mill-istess rikorrenti fuq il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet

premessi numru 2438/10. In oltre tordna li dan ir-rikos jibqa' bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------